MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Appell Civili Numru. 45/2005/1

**Atlas Insurance Limited, *de proprio* kif ukoll kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assikurat taghha Michael Attard Limited**

**vs**

**Sullivan Maritime Ltd., bhala agent tas-socjeta` estera Industria Armamento Meridionale SpA, noleggjatur tal-bastiment “M. V. Eurostar Valencia”, u The Cargo Handling Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta’ Gunju, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta’ attrici fis-7 ta’ Jannar, 2005 fejn is-socjeta’ attrici qed titlob il-

kundanna tas-socjetajiet konvenuti (jew min minnhom) ghar-risarciment ta' danni fl-ammont komplessiv ta' tliet mija tmienja u ghoxrin lira (Lm328.00) in kwantu ghal tlett mija u ghoxrin lira Maltija (Lm320) li sbursat a favor l-assikurat taghha Michael Attard Limited bhala indennizz (ghal liema hlas is-socjeta` attrici kienet debitament surrogate fid-drittijiet tal-assikurat taghha) u in kwantu ghal tmien liri Maltin (Lm8.00) li sborsat bhala "survey fees" u dan wara li s-socjeta` assikurata garrbet hsara f'zewg (2) vetturi Peugeot minn konsenja ta' sitt (6) vetturi Peugeot li waslu Malta fis-27 ta' Frar, 2004 fuq il-bastiment "M.V.Eurostar Valencia", ghal liema hsara kienu responsabbli s-socjetajiet konvenuti – jew min minnhom (Dok.ZM1 sa Dok.ZM7).

Oltre d-danni, s-socjetajiet' konvenuti (jew min minnhom) ghandhom ihallsu l-ispejjez tal-kawza flimkien mal-imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz sad-data tal-effettiv pagament.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited prezentata fil-11 ta' Frar, 2005, fejn intqal:

1. Illi jinkombi fuq is-socjeta' attrici li tipprova illi l-allegati nuqqasijiet sehhew waqt li l-merkanzija de quo kienet taht il-kontroll effettiv u supervizjoni assoluta tas-socjeta' eccipjenti u li l-istess merkanzija giet konsenjata lilha minghajr l-istess nuqqasijiet.
2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa kontestat;
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra r-risposta prezentata fl-14 ta' Frar, 2005, mis-socjeta` konvenuta Sullivan Maritime Ltd fejn intqal:

i. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha, u dana stante illi s-socjeta` konvenuta mhix responsabbli ghad-danni reklamati mis-socjeta` attrici, u dana minhabba li

hija qdiet l-obbligi taghha kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
ii. Illi s-socjeta` attrici ghandha ggib prova tas-surroga moghtija a favur taghha.
iii. Illi t-talba in konnessjoni mas-“survey fees” ghandha tigi michuda stante li m’hemm l-ebda prova tal-istess.
iv. Illi inoltre l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici huwa eccessiv.
v. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema’ x-xhieda ta’ Peter Saliba, Peter Bonello, Christian Gravino, John Falzon. Il-partijiet qablu li tigi esebita x-xhieda ta’ Joseph Piccinino moghtija fil-kawza fl-istess ismijiet quddiem il-Qorti tal-Magistrati Avv. 570/2004DM. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ra n-nota tas-socjeta` attrici prezentata fl-10 ta’ Novembru, 2005 li permezz taghha cediet l-atti tal-kawza limitatament fil-konfront tas-socjeta` The Cargo handling Co. Ltd., stante transazzjoni.

Ikkunsidra:
1. Is-socjeta’ attrici istitwiet din il-kawza sabiex tithallas l-ammont li sbursat ghall-assikurat taghha Michael Attard Ltd ghal hsarat f’zewg vetturi Peugeot li waslu Malta fis-27 ta’ Frar, 2004 fuq il-bastiment M.V. Eurostar Valencia.
2. Il-polza ta’ karigu, Dok.ZM2 tindika li meta tghabbiet il-merkanzija ma kienx hemm danni. Il-kundizzjoni ta’ garr kienet *free along side*. Ghalhekk ir-responsabilita` tas-shipper tieqaf mar-rampa tal-vapur.
3. Il-hsarat fil-vetturi gew verifikati minn Peter Saliba li jahdem mal-Marine Claims Department tas-socjeta` attrici Atlas Insurance.
4. Mit-tally sheet Dok.CG1 jirrizulta li kien hemm vettura li kellha hsara indikata bhala “rear bumper damaged @ Right side.” Pero` jirrizulta li t-tally sar fuq izjed minn sitt karrozzi, u cioe` kien ikop[ri karrozzi indikati f’polza ta’ karigu iehor.
5. Christian Gravino, tally clerk ghas-socjeta` Sullivan Maritime Ltd jghid li saret single tally, mhux joint tally.

Meta gew ezaminati mit-tally clerk tal-Cargo handling dan sar fis-shed, u cioe` wara li nizlu minn fuq ir-rampa. L-istess xhud jikkonferma li  irriskontra hsara f'vettura wahda hu u kien fuq ir-rampa.

6. John Falzon ghas-socjeta` Michael Attard Ltd jikkonferma l-hsara li sab f'karrozza kif fuq imsemmi, u jghid ukoll li ohra kellha *pigeon droppings*.

7. It-Tribunal qed jaqbel mal-versjoni li meta jsir tally dan jsir a beneficcju taz-zewg partijiet, cioe` tas-shipper u tal-Cargo Handling, pero` definitivament l-importatur ma hux kompartecipi fih.

8. Inoltre ghandu jinghad illi s-socjeta` attrici kienet tipprocedi diversament li kieku kellha f'idejha mill-bidu t-tally sheets li saru.

9. Il-quantum tad-danni riskontrati jirrizulta mid-Dok.ZM6, pero` ma hemmx prova li ghal "pigeon droppings" kienet responsabbli is-socjeta` Sullivan Maritime Ltd, ghalhekk it-Tribunal qed isib lill-istess responsabbli biss fis-somma ta' mija u tmenin lira Maltin (Lm180.00).

Ghaldaqstant, filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-kaz fil-konfront tas-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd, it-Tribunal peress illi s-socjeta' konvenuta Sullivan Maritime Ltd kienet in parti responsabbil  ghall-hsarat imsemmija kif fuq inghad, jikkundanna lis-socjeta' konvenuta Sullivan Maritime Ltd thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tmenin lira Maltin (Lm180.00), bl-imghax dekorribbli millum sad-data ta' l-effettiv pagament.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopporatati mis-socjeta' konvenuta Sullivan Maritime Ltd".

Is-socjeta` konvenuta Sullivan Maritime Limited appellat minn din is-sentenza bl-aggravju illi l-konkluzjoni tat-Tribunal kienet errata.  Dan hi tibbazah fuq l-assunt illi t-Tally Sheet (esebita a fol. 45) ma kienet tikkontjeni ebda rimarki fir-rigward tal-vetturi li n-numru tac-*chassis* taghhom jinsabu dettaljati fil-Polza tal-Kariku (fol. 4), imma limitatament dwar vettura ohra, ukoll tal-marka Peugeot, li c-*chassis number* taghha jispicca 272.  Minn dan l-assunt

taghha is-socjeta` appellanti testraji l-argoment illi l-Invoice tas-socjeta` importatrici (fol. 8) relattiv ghar-riparazzjonijiet li saru fuq vettura bic-*chassis number* 43782054 ma setax jaghmel prova ta' responsabilita` fil-konfront taghha;

Jibda biex jigi registrat b' introduzzjoni preliminari illi d-dokumenti probatorji ta' sustanza f' dan il-kaz huma s-segwenti:-

(1) Il-Polza tal-Kariku (fol. 4) li turi li abbord il-vapur "m.v. Eurostar Valencia" tghabbew sitt vetturi tal-marka Peugeot kif hemm ahjar identifikati. Fost dawn kien hemm il-vettura bin-numru tac-*chassis* 43782054. Gjaladarba ma jirrizulta ebda annotament fuq din il-polza dwar l-kundizzjoni tal-vetturi huwa prezunt li dawn tghabbew fi stat tajjeb u allura hekk kien mistenni li jigu skarikati;

(2) It-Tally Sheet tal-vapur (fol. 45) li tispecifika li gew *tallied* hdax-il vettura tal-marka Peugeot u li dwar wahda minnhom - dik bic-*chassis number* 272 - gie rimarkat li din kellha "*rear bumper damaged at right side*". Fuqha jinghad ukoll illi "*Cargo Handling checked cars in Shed 2*";

(3) Il-Gate Pass Put (fol. 39) li juri li vettura minnhom kellha "*rear bumper slightly scratched right hand side*". Jigi notat li f' dan id-dokument portwali rilaxxjat mill-Cargo Handling ma tinghata ebda riferenza tac-*Chassis number* tal-vettura;

(4) Is-Survey Report (fol. 6 u 7) li jindika ghal dawk li huma danni , hsarat fil-vettura 43782054 - *dent on right rear door, dent on right rear wing* - u vettura 43782057 - *pigeon droppings on roof and bonnet*. Dan is-*survey* isir fis-*shed* tal-Cargo Handling. Ara xhieda ta' John Falzon (fol. 53);

(5) L-Invoice (fol. 8) li tirregistra l-kwantum tad-danni;

Ghal kompletezza ghandu jigi notat ukoll illi f' dan il-kaz it-*tally* ma kienx wiehed "*joint*". Din il-Qorti pero` ma tonqosx milli tinnota certa similarita` fir-rimarki kontenuti fit-Tally Sheet u l-Gate Pass Out, b' dan illi filwaqt li t-Tally Sheet tirreferi ghad-dannu fil-vettura b' *chassis* li jispicca bin-numru 272, fil-Gate Pass Out, kif gja intqal, ma nsibu ebda indikazzjoni tac-*chassis* tal-vettura. Jidher minn dan illi l-kwestjoni centrali tikkoncerna l-portata probatorja tat-Tally Sheet li fuqha s-socjeta` appellanti qeghda tibbaza sostanzjalment l-aggravju kollu taghha;

Huwa ferm pacifiku, anke ghaliex il-principju gie enuncjat f' bosta decizjonijiet, illi d-dokumenti portwali ghandhom spiss valur probatorju determinanti. Hekk inghad dwarhom illi t-Tally Sheet u l-Gate Pass Out joholqu prezunzjoni *iuris tantum* li dak li jindikaw hu l-verita. B' danakollu, gie rilevat ukoll illi meta l-Qorti tkun konvinta li ma jirriflettux ir-realta`, ghaliex ikunu zmentiti minn provi ohra serji u precizi li jindikaw il-kuntrarju, il-Qorti kellha tiskartahom. Ara b' ezempju f' dan is-sens "**Avukat Dottor Giovanni Griscti *nomine* -vs- John Cooper *et nomine***", Appell, 19 ta' Mejju 2000;

Fil-kaz prezenti jirrizulta mix-xhieda ta' Christian Gravino (fol. 49) illi dan ezamina l-vetturi meta dawn kienu nezlin minn fuq ir-rampa tal-vapur. Dejjem skond dan ix-xhud fl-ispezzjoni tieghu ta' kull karozza, minn barra u minn gewwa, huwa mpjiega l-hin mehtieg, anke jekk l-i*stevedores* jinstigaw biex jghaggel il-process. Ghalih, f' dan il-kaz, il-vettura li kienet tinnecessita r-rimarka tieghu, dwar il-hsara riskontrata kienet dik li tispicca bic-*chassis number* 272. Jekk wiehed joqghod imbaghad ghall-ispjega tax-xhud Joseph Piccinino (fol. 35) ghal Cargo Handling t-taljar minn naha ta' din is-socjeta` sar fil-bitha tal-kumpanija ghax hi kienet qed tinsisti li l-process isir b' dan il-mod;

Dan premess, huwa opportun li jigi, qabel kull konsiderazzjoni ohra, ripetut il-hsieb profess mill-Qorti ta' l-Appell in re "**Avv. Peter Borg Costanzi *nomine* -vs- William Harding *nomine***", 25 ta' Gunju 1999:-

"Kien fl-interess tas-socjeta` appellanti (Cargo Handling) li tippartecipa fit-tally waqt li l-vetturi kienu qed jigu mahtuta minn fuq il-vapur ghal fuq il-moll. Kienet f' dak il-mument li l-merkanzija kienet qed tghaddi fil-konsenja tas-socjeta` appellanti u kien certament fl-interess taghha, almenu daqs kemm kien fl-interess tal-partijiet l-ohra fil-kawza, li taccerta ruhha u ticcertifika l-kundizzjoni tal-merkanzija li kienet qed tircievi. Dan billi kien mill-mument meta tircievi l-istess merkanzija sal-mument meta hi tikkonsenjaha lill-importatur li kienet ser tkun unikament responsabbli ghall-kura, kustodja u kundizzjoni taghha. Is-socjeta` appellanti ghalhekk ma setghet tiehu l-ebda vantagg min-nuqqas volut taghha li tippartecipa fit-*tally*";

Ribadit dan, fuq l-ezami taghha ta' l-atti processwali din il-Qorti ma tistax issib gustifikazzjoni biex twarrab l-attendibilita` tat-Tally Sheet. Fir-rigward taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

(1) Huwa indikattiv illi t-*tally* sar b' certa attenzjoni u, dippju, ma jidherx li d-dokument relattiv jista' jitqies sospett meta gie fuqu registrat il-verifika tal-hsara f' vettura fost dawk skarikati minn fuq il-vapur. Vettura din li kellha c-*chassis number* 272 u mhux ukoll dik bin-numru 054;

(2) L-istess rimarki nsibuhom fil-Gate Pass Out rilaxxjat mill-Cargo Handling izda imbaghad, kif gja fuq espress, ma tinghata ebda riferenza ghac-*chassis number* tal-vettura. Biex jinghad kollox dan lanqas ma jirrizulta mit-Tally Sheet tal-Cargo Handling (fol. 44) billi "s-*separate sheets*" ghal liema jirreferi dan id-dokument ma jirrizultawx li gew esebiti ghal skop ta' kontroll;

(3) Kif rilevat fis-silta mis-sentenza appena riportata kien dover tal-Cargo Handling li tippartecipa fit-taljar tal-vetturi waqt li dawn kienu qed jigu zbarkati u mhux tikkontenta ruhha li t-taljar isir ahjar jekk hi tikkonducih fil-bitha taghha;

(4) Anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument, din il-Qorti kellha tevalwa l-kwestjoni fuq bazi ta' probabilita`, salv ghal vettura bic-*chassis number* 272, it-Tally Sheet tal-vapur manifestament turi li l-kundizjoni tal-vetturi l-ohra fil-mument li gew konsenjati fil-pussess tal-Cargo Handling kienet wadha tajba;

(5) Huwa veru li s-socjeta` assiguratrici attrici cediet l-atti di fronte ghal din l-ahhar imsemmija socjeta` (ara Nota a fol. 59) imma b' daqshekk ma ghandux jigi ragonat b' mod mill-aktar semplicistiku, u minghajr analisi akkurata, illi allura s-socjeta` appellanti ghandha taghmel tajjeb ghar-rifuzjoni tas-somma riparatrici fuq vettura (numru 054) li meta nzilet minn abbord il-vapur u ghaddiet f' idejn il-Cargo Handling kienet f' kundizzjoni tajba;

In vista ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet din il-Qorti ssib raguni sodisfacenti biex takkolji l-appell lilha devolut u twarrab is-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata di fronte ghas-socjeta` konvenuta appellanti. L-ispejjez gudizzjari kollha jitbatew mis-socjeta` assiguratrici attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------